MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Numru 108/2004

Il-Pulizija
(Sp Bernard Zarb)
vs
David Mifsud, iben Anthony,
imwieled Pieta' fil-5 ta'
ġunju, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-7 ta' diċembru, 2003 u fil-ġranet ta' qabel,
fil-monti ta' Floriana u tal-Belt, Valletta, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer,
b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. xjentement qed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għal bejgħ, jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija

b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq u cioe' 'Manchester United football jerseys';
2. bi qliegħ jeew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor pproduċja jew ikkopja jew bejgħ, qassam jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex iqassam xi artikolu jew xi ħaġa oħra u cioe' 'Manchester United football jerseys' bi ksur ta' jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u cioe' 'Manchester United plc' u 'Nike International Limited' u soċjetajiet oħra, li tagħhom is-soċjeta' MAMO TCV Advocates rappresentata minn Dr Antoine Camilleri hi rappresentata, protetti bil\jew taħt il-Liġi ta' Malta;
3. illi b'hekk l-imsemmi David Mifsud kiser il-kondizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta mogħtija b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza tal-4 ta' diċembru, 2003.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni tagħha, f'każ ta' ħtija, tħassar
il-liċenzja jew inkella tissospendi tali liċenzja għal xi żmien.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk ikun il-każ, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-piena skond il-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt liri maltin (Lm300).  Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-31 'football jersey' eżebiti fl-atti ta' din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------